**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Mario Nappa

vs

RC Collection/ Power House

CCT 191/22/MS

12 ta' Lulju 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrentipprezentat fl-14 ta' Dicembru 2022 fejn talab lil dan it-Tribunal jordna l-azjenda intimata thallsu s-somma ta' hames mitt euro, prezz ta' sufan mixtri minghand l-azjenda intimata, liema sufan zvipulla diffett fil-perjodu tal-garanzija.

Ra li l-azjenda intimata debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh ma dahlet l-ebda risposta, izda Ranier Scerri rapprezentant tal-istess azienda intimata attenda ghas-smigh u xehed quddiem dan it-Tribunal.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xiehda bil-gurament

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fil-5 ta' Frar 2021 ir-rikorrent xtara sufan minghand l-azjenda intimata, u ftit zmien wara nnota li fuq in-naha tax-xellug, is-sufan beda jinzel. Gibed l-attenzjoni ta' dan lil kummercjant, li min-naha tieghu baghat wiehed mill-impjegati tieghu, li huwa tekniku, li qallu biex jaghmel bicca foam fuq in-naha tax-xellug, fejn kienet baxxa, hew inkella jaghmillu c-cineg, jew ippogi bil-qieghda fuq in-naha l-leminija li kienet iktar gholja biex jitbaxxa u jigi d-daqs tan-naha l-ohra tas-sufan. Ir-rikorrent qal li s-sufan kien ghadu taht garanzija u li d-diffett hareg sena wara f' Marzu tas-sena 2022. L-intimat offrielu li jsewwih, pero' talbu l-flus, alavolja dan kien ghadu taht garanzija. Sussegwentement, beda jikkomunika mal-kummercjant permezz ta' What's App u l-intimat

dejjem tah x'jifhem illi kien ser jirranga l-affarijiet, pero' baqa' inadempjenti. Ir-rikorrent talbu biex itih sofa bed gdid. Dan kien f'Ottubru 2022, izda l-intimat qatt ma wiegbu.

Xehdet ukoll il-mara tar-rikorrent li kkonfermat illi s-sufan beda jinzel mal-ewwel u li n-naha xellugija giet baxxa hafna u n-naha l-ohra baqghet gholja, u meta gie t-tekniku tawhom parir biex jaghmlu cineg jew inkella offreilhom li jirrangawha bil-hlas.

Illi min-naha tal-azjenda intimata, xehed Ranier Scerri, li kkonferma li r-rikorrent u martu xtraw sufan/ sofa bed u li l-ewwel ilment tar-rikorrent kien minhabba l-fatt illi hu ma kienx jaf kif jifthu u jaghlqu u haseb li kien bil-hsara. Qal ukoll illi sussegwentement ilmenta li s-sufan kien qed jinzel min-naha wahda. Skond l-intimat, dan huwa kaz ta' *wear and tear* ghaliex ir-rikorrent qed joqghod fuq naha wahda tas-sufan u ghalhekk naha wahda qed tintuza iktar min-naha l-ohra. Ikkonferma wkoll illi offra lir-rikorrent il-possibilta' li jiftah is-sufan u jaghmlu iktar packing foam, pero' bil-hlas. Qal ukoll illi hu qatt ma mar fuq il-post u qatt ma ra s-sufan, izda kien qed jixhed fuq dak li qallu l-inpjegat tieghu li mar fuq il-post.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din l-istanza r-rikorrent qed jitlob is-somma ta' hames mitt euro, prezz ta' sufan/sofabed mixtri minghand l-azjenda intimata, liema sofa bed zviluppa hsarat matul il-perjodu tal-garanzija. Illi r-rapprezentant tal-azjenda intimata, filwaqt li ma cahadx il-fatt illi s-sufan kien iktar baxx min-naha wahda, attribwixxa dan ghal '*wear and tear*' u ghall-fatt illi naha minnhom intuzat iktar min-naha l-ohra.

Ikkunsidra

Illi meta xehed, ir-rikorrent ghamilha cara illi is-sufan jintuza biss meta huma (martu u t-tifel) jaraw it-television u li juzaw is-sufan kollu u mhux naha wahda biss peress illi huma qeghdin tlieta fil-familja. Imma anke kieku, t-Tribunal ma jaqbilx illi dan huwa kaz ta' *wear and tear*. Mir-ritratti esebiti is-sufan jidher illi ghadu gdid u ma hemmx sinjali ta' uzu li wiehed normalment jassocja ma' *wear and tear*. Apparti minn hekk, l-uzu normali ta' sufan huwa li wiehed jitpogga fuqu u sufan li jizviluppa difett u li jkollu bzonn it-tiswija wara sena biss, mhuwiex tajjeb ghall-uzu li ghalih huwa intenzjonat.
Apparti minn hekk, l-intimat qatt ma mar fuq il-post u ra s-sufan nnifsu, u ghalhekk mhuwiex fl-ahjar posizzjoni biex jikkonstata d-diffett o meno tas-sufan, pero' l-fatt illi offra li jsewwi s-sufan huwa sinjal car ta' ammissjoni ta' diffett.

Ghalkemm huwa minnu illi l-intimat offra li jsewwi s-sufan, dan ma missu qatt sar kontra hlas, tenut kont tal-fatt illi s-sufan kien ghadu taht garanzija. It-Tribunal ra l-messaggi mibghuta mir-rikorrent biex jipprova jasal ghal xi tip ta' soluzzjoni, izda ra illi l-intimat qatt ma wiegeb ghal dawn il-messaggi. Ghalhekk fic-cirkostanzi, jidhirlu illi fic-cirkostanzi jkun ahjar jekk jorda rifuzjoni tal-hlas.

In vista tal-fatt illi s-sufan intuza ghal sena shiha qabel ma zviluppa d-diffett, it-Tribunal qed jiffissa l-hlas, arbitrio bono viri, fl-ammont ta' erba' mitt euro.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzialment it-talba tar-rikorrent u jordna l-azjenda intimata thallsu s-somma ta' erba' mitt euro (€400.00). Bi dritt tal-azjenda intimata li tiehu lura s-sufan in kwistjoni wara li jsir il-hlas.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru